RETTIFIKA

Rettifika tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 tal-11 ta' Ġunju 2009 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 188 tat-18 ta' Lulju 2009)

F'paġna 110, Artikolu 26(1), it-tieni sentenza:

minflok: "Fin-nuqqas ta' tweġiba xierqa u fil-ħin, żjara ta' verifika ma tistax issir.",

aqra: "Fin-nuqqas ta' tweġiba xierqa u fil-ħin, il-Kummissjoni tista' tagħżel li ma tagħmilx żjara ta' verifika.".

Rettika tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 343 tat-22 ta' Diċembru 2009)

F'paġna 68, Artikolu 16(1), it-tieni sentenza:

minflok: "Fin-nuqqas ta' risposta xierqa u f'waqtha, iż-żjara ta' verifika ma tkunx tista ssir.",

aqra: "Fin-nuqqas ta' risposta xierqa u fil-ħin, il-Kummissjoni tista' tagħżel li ma tagħmilx żjara ta' verifika.".

Rettifika tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 385/96 tad-29 ta' Jannar 1996 dwar il-protezzjoni kontra prezzijiet inġurjużi ta' bastimenti

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej L 56 tas-6 ta' Marzu 1996)

(Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Volum 023)

F'paġna 347, Artikolu 11(1), it-tieni sentenza:

minflok: "Fin-nuqqas ta' risposta xierqa u fil-ħin, żjara ta' verifika tista' ma ssirx.",

aqra: "Fin-nuqqas ta' risposta xierqa u fil-ħin, il-Kummissjoni tista' tagħżel li ma tagħmilx żjara ta' verifika.".
